MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Numru. 443/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**
**VS**
**ANTHONY GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Galea ta’ 21 sena bin Raymond u Josephine nee Buhagiar, imwieled Pieta fil-21 ta’ Dicembru 1983, residenti fil-fond ‘Romeo u Guilietta’, Triq A. Caligari, Zabbar detentur tal-karta tal-identita bin-numru 28284M.

Talli nhar il-21 ta’ April 2005 ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija f’Haz-Zabbar, hloqt jew geghelt li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, jkunu jistghu ‘l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma marx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' l-kaz;

Rat il-verbal tal-1 ta' Lulju 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat il-verbal tal-1 ta' Lulju 2005 fejn il-Qorti wara li tat lill-imputat l-opportunita biex jirripensa ruhu mid-dikjarazzjoni li ghamel, l-imputat ghazel li jirrikonferma l-ammissjoni tieghu..

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi ghar-rigward tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa netta tal-imputat, l-eta giovanili tal-imputat u wara li rat Art 7 tal-Kap 446, Art 110 u Art 101 tal-Kap 9 u tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn taht is-supervizzjoni ta' Mariella Camilleri, Direttur tal-Probation Services jew probation officer minnha nominat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------